# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru. 7/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Kristina Xuereb**

Illum, 16 ta`April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Kristina Xuereb** bint Denis (Dionisio) u Yvette nee' Vassallo, imwielda Pieta', nhar l-14 ta' Jannar, 1994, li toqghod fil-fond numru 49, Triq il-Mosta, Naxxar, Malta u li ghandha numru tal-karta tal-identita' 55394 M akkuzata talli nhar it-30 ta' Gunju, 2013, f' San Giljan u f' dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed l-hajja ta' Joelle Mifsud f' perikolu car, permezz ta' xi arma regolari jew irregolari, strument jew ghodda ohra, ikkagunajt

hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joelle Mifsud u dan skond ma iccertifika Dr. Glenn Garzia M.D. minn gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Joelle Mifsud bil-kundizzjonijiet li jihdrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Rat ix-xhieda taht gurament moghtija quddiem il-Qorti diversament preseduta ta' PC 1362 Jonas Schembri li ezebixxa Dok JS fis-seduta tal-26 ta' Ottubru, 2016; ta' Joelle Mifsud fis-seduta tal-26 ta' Ottubru, 2016; ta' Spettur Sean Scicluna fis-seduta tal-26 ta' Ottubru, 2016; ta' Dr Glen Garzia fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2016; ta' Stephen Cachia li esebixxa Dok. SC; il-Qorti il-Qorti kif prezentement preseduta semghet ix-xhieda ta' Faye Pace Decesare bil-lingwa ingliza fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018; ta' Krista Ripa fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2018; ta' Adrian Schembri fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2020; ta' Katia Blease fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2020; ta' l-Spettur Darryl Borg fis-seduta tal-5 ta' Jannar, 2021; ta' PC 917 Joseph Camilleri fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021; ta' Katya Blease fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2023; ta' Clarissa Blease bil-lingwa ingliza fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2023;

Rat il-verbal tal-26 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti kif diversament preseduta sejhet lix-xhud Joelle Mifsud vicin it-tribuna sabiex tikkonstata l-gerha li ghandha. Wara li l-Qorti kkonstat di persona l-gerha li hija mertu ta' din il-kawza l-Qorti tistqarr illi din mhix daqshekk pronunzjata, hija "just below the hairline", ma tinkattax l-aspett tal-wicc u tinnotaha f' distanza vicina hafna.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2016 il-partijiet ezentaw lil Qorti kif prezentement preseduta mis-smiegh tal-provi diga' mismugha.

Rat li fis-seduta tal-26 ta' Ottubru, 2016 sar l-ezami tal-imputata li wiegbet li mhux hatja tal-akkuzi.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2017 id-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni li ttella WPC 221 u PS 928 u jirrikonoxxi li l-istqarrija giet rilaxxata volontarjament.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018 id-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli ttella bhala xhud lil PS 928 Ramon Mifsud u WPC 221 Francesca Mangion, minghajr pregudizzju ghal pozizzjoni taghha dwar l-amminissibilta' u l-validita' ta' l-istess stqarrija fl-eventwalita' u fil-mument li jigu decizi s-sentenzi fil-proceduri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Rita Micallef et (Qorti ta' l-Appell Kriminali Superjuri) u l-Pulizija vs Aldo Pistella (Qorti Kostituzzjonali).

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2018 il-Qorti rat ir-rekwizit numru 5 tar-rinviju tal-avukat generali u innominat lil Dr Mario Scerri sabiex jezamina l-file mediku ta' Joelle Mifsud ekwivalenti ghal dan l-incident u kif ukoll jezamina lil istess Joelle Mifsud sabiex jiddikjara jekk il-griehi sofferti minn Mifsud humiex lezjonijiet li jikkawzaw difett permanenti fil-wicc u jgibu mankament jew sfregu gravi u permanenti fil-wicc.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Jannar, 2021 dwar rekwizit numru 4 tar-rinviju tal-avukat generali l-ispettur Daryl Borg jiddikjara li x-xhud Dennis Dehayhunson ma nstabx. Jirrileva ukoll illi saret ricerka fis-sistema tal-pulizija u dan il-persuna ma jirrizultax f' din is-sistema u jiddikjara li l-Prosekuzzjoni m' ghandiex bzonn tali xhud. Dwar ir-rekwizit numru 5, l-ispettur Daryl Borg jirrileva li Dr Mario Scerri ghadu ma espletax l-inkarigu lilu moghti. Dwar ir-rekwizit numru 3, l-Ispettur Daryl Borg jirrileva li Adrian Schembri diga xehed. L-Ispettur Daryl Borg jiddikjara li hlief ghax-xhieda ta' Dr Mario Scerri, ma fadalx iktar xhieda u jkun jista' jaghlaq il-provi tal-Prosekuzzjoni.

Rat li fis-seduta tal-2 ta' Gunju, 2021 l-Avukat Difensur irrileva li fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2020 kienet xehdet Katia Blease izda ma hemmx referenza ghaliha fil-verbal

u l-anqas ma hemm traskrizzjoni tax-xhieda. Il-Qorti tordna li fic-cirkostanzi terga' tixhed Katia Blease.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2021 id-difiza ezentat lil prosekuzzjoni milli jittella' espert sabiex jaghmel traduzzjoni mill-lingwa Ingliza ghal dik Maltija ta' Krista Ripa u Phay Pace Decesare.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-15 ta' Novembru, 2016, tat-28 ta' Dicembru, 2016, tat-23 ta' Jannar, 2017, tal-10 ta' Marzu, 2017, tas-17 ta' April, 2017; tal-23 ta' Mejju, 2017, tad-19 ta' Gunju, 2017, tas-7 ta' Awwissu, 2017, tas-6 ta' Settembru, 2017, tad-19 ta' Ottubru, 2017, tad-29 ta' Novembru, 2017, tat-2 ta' Jannar, 2018, tat-2 ta' Frar, 2018, tas-6 ta' Marzu, 2018, tat-13 ta' April, 2018, tal-15 ta' Mejju, 2018, tat-2 ta' Lulju, 2018, tal-1 ta' Awwissu, 2018, tad-29 ta' Awwisu, 2018, tat-3 ta' Ottubru, 2018, tad-9 ta' Novembru 2018, tat-12 ta' Dicembru, 2018, tal-11 ta' Jannar 2019, tal-20 ta' Frar, 2020, tal-20 ta' Frar, 2019, tal-1 ta' April, 2019, tas-7 ta' Mejju, 2019, tal-31 ta' Mejju, 2019, tat-8 ta' Lulju, 2019, tas-6 ta' Awwissu, 2019, tal-11 ta' Settembru 2019, tal-15 ta' Ottubru, 2019, tal-14 ta' Novembru, 2019, tas-16 ta' Dicembru, 2019, tas-7 ta' Jannar, 2020, tat-18 ta' Frar, 2020, tat-12 ta' Gunju, 2020, tat-23 ta' Lulju, 2020, tat-28 ta' Awwissu, 2020, tat-2 ta' Ottubru, 2020, tat-3 ta' Novembru, 2020, tad-9 ta' Dicembru, 2020, tal-4 ta' Frar, 2021, tas-17 ta' Marzu, 2021, tal-20 ta' April, 2021, tal-31 ta' Mejju, 2021, tal-5 ta' Lulju, 2021, tal-11 ta' Awwissu, 2021 u tal-14 ta' Settembru, 2021;

Rat in-Nota ta' Rinvjiju tal-Avukat Generali datata l-ewwel jum ta' Novembru 2021[1], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

(a) Fl-artikolu 214, 215 u 216 (1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kien sehh qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII tal-2018;
(b) Fl-artikoli 7,8,16,17,19 u 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 249

(c) Fl-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta'
(d) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-Avukat Generali iddecieda li skont kif hemm mahsub fl-Artikolu 370 (3)(a) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta jibghat lill-imputati sabiex jigu gudikati mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Jibghat lura ma' dan l-att lil din il-Qorti l-atti tal-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex din l-istess Qorti, f' nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata skont dak li hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(b)u(c) tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi fuq l-akkuza ta' din il-htija jew htijiet, jew f' kaz ta' oggezzjoni, tipprocedi skont l-artikolu 370(3)(d) tal-Kodici Kriminali, b' dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lil imputata jekk ghandiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja taghmel dak li hemm indikat fin-nota tar-rinviju.

Rat li fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021 l-ufficjal prosekutur iddikjara li giet mitkellma l-vittma fejn din stqarret illi Larissa Caruana dak in-nhar tal-incident ma kienitx prezenti u li ma hemm l-ebda' involviment taghha f' dan il-kaz u peress li ma hawnx informazzjoni rigwardanti Larissa Caruana din ma setghetx tigi rintraccjata.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2023 l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u wara li nqraw l-artikoli l-imputata taccetta li tigi gudikata minn din il-Qorti kif preseduta u l-Qorti tinbidel ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-26 ta' Settembru, 2023 l-imputata ghazlet li ma tixhidx u d-difiza ghalqet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**PC 1362 Jonas Schembri** xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2016[2]. Ix-xhud ezebixxa r-rapport tal-pulizija (Dok JS) li sar minn Joelle Mifsud fl-Ghassa ta' San Giljan nhar it-tletin ta' Gunju, tas-sena elfejn u tlettax (30/06/2016). Meta hadilha r-rapport ix-xhud rahla griehi fuq rasha, f' wiccha, on her forehead ie l-fuq minn ghajnejha. Kien qal lil kwerelanta igib certifikat mediku. Lil imputata qatt ma kellimha.

**Joelle Mifsud** xehedet fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2016.[3] Kienet ghamlet rapport l-Ghassa ta' San Giljan fit-30 ta' Gunju, 2013. Fuq l-incident tixhed

> "Xhud: Mela bazikament jien kont qieghda bilqeghda u f' daqqa wahda
>
> Qorti: Fejn kont qieghda bilqgheda? Bilqgheda fejn?
>
> Xhud: Go Bar Paceville, jismu Monte Carlo. U f' daqqa wahda xi hadd teghali tazza ghar-rasi. Tazza tal-hgieg. U li mmarkatli hawn hekk. U wkoll qatgha kbira. Jien ma kontx naf x' gara, imma kont qed inhares u kulhadd beda jghidli:"Ghandek hafna demm. Ghandek hafna demm ma wiccek." F' daqqa wahda nara tifla tigri l hemm u dahlet go karozza."[4]

Mistoqsija jekk taghrafx lil din il-persuna tindika l-imputata. Tghid li kien hemm nies hemmhekk li kienu xhud taghha li qalulha li kienet hi u ix-xhud ratha tigri l-hemm.

Dak in-nhar fil-bar kienet ma hbieb taghha, Faye Pace Decesare, Christa Ripard, Adrian Schembri u Dennis Dehayhunson.

Kien Adrian Schembri li qallha min kienet ghaliex hu kien jafha u l-ohrajn ma kienux jafuha. Tixhed

---

[2] Fol. 17-20

[3] Fol. 24-30

[4] Fol. 25-26

"Wara minn hekk imbghad mort l-Ghassa ta' San Giljan. Fejn giet oht Adrian Schembri mal-gharus taghha biex jaraw x' gara. Issa jien nahseb li kienet maghha. U kienu saqu l-karozza li harbet biha. U mbghad taparsi giet tara x' gara."[5]

Ix-xhud l-ewwel marret l-ghassa ta' San Giljan li baghtuha l-health centre tal-Gzira li kien maghluq u mbghad haduha l-health centre tal-Floriana fejn ghamlulha l-punti. Ghamlulha punt wiehed.

"Domanda tal-Qorti: Inti lis-Sinjorina fuq l-ewwel bank kont tafha qabel?

Xhud: Le, ma kontx. Konna tkellimna fuq it-telephone, imma ma kontx nafha personalment. Ghax kienet qed iccempilli u theddidni fuq it-telephone qabel ma gara.

Qorti: Imma mhux parti mill-akkuza."[6]

**Spettur Sean Scicluna[7]** xehed fis-seduta tal-26 ta' Ottubru, 2016. Kien xoghol dakinhar li dahal ir-rapport minghand Joelle Mifsud. Ir-rapport l-ewwel hadu PC 1362 Jonas Schembri li kien shift mieghu. Hu kien is-surgent ta' dak ix-shift, u l-ispettur tal-Ghassa kien Darryl Borg. Wara jumejn giet il-vittma bic-cerifikat tal-griehi li kellha. Meta giet bic-certifikat ghamel update fuq ir-rapport. Lill-impuata qatt ma kellimha.

**Dr Glenn Garzia**, tabib tal-familja, xehed fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2016[8]. Jopera fil-maggorparti il-Polyclinic tal-Floriana. Lil imputata ma jafiex. Ix-xhud kien ezamina lil Joelle Mifsud fit-30 ta' Gunju, 2013 gewwa l-policlinic tal-Floriana.

Sab gerha miftuha ta' centimetru fuq in-naha tal-lemin tal-mohh. Li trangat bi strips u mhux punti.

[5] Fol. 27
[6] Fol. 29
[7] Fol. 31-34
[8] Fol. 38-42

"Ir-raguni li fil-fatt ghamilha gravi hi ghax kienet fuq il-wicc. Normalment fuq il-wicc xi ftit ta' marka, one centimetre (1cm) kienet. Mhux xi haga li tidher hafna imma jekk tfittixha ha taraha."

Jikkonferma c-certifikat a fol. 10.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2017[9]. Mitlub jaghmel ricerka fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBX-984. Jirrizulta li l-vettura hi tal-ghamla Volkwagen Polo ta' kulur abjad registrata fuq Katya Blease sa mis-6 ta' Marzu 2012. (Dok. SC).

**Krista Ripa** xehdet fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018. Tixhed

"on the 30th June 2013, we have been out on a boat party that day then we went to a bar in Paceville called MonteCarlo and it has an inside and an outside, I was outside with some people I just met and I saw a car pull up and stop right outside and a girl got out she walked in, my friend Joelle was standing at the bar and she, this person who got out of the car, grabbed a glass and shoved it into Joelle's head. Then she started bleeding and I called the Police."

**Mistoqsija jekk taghrafx lil din il-persuna fl-awla tirrispondi "I wouldn't be able to say. I had been drinking the whole day. I wasn't exactly in the best frame of mind."[10] [emfazi mizjuda]**

**Faye Pace Decesare** xehedet fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018. Fuq l-incident tghid li

"I was inside by the bar and all of a sudden, I turned around and my friend had a big cut on her head and was covered in blood".[11]

[9] Fol. 49-51
[10] Fol. 105
[11] Fol. 108

Tghid li dak il-hin il-vittma, Joelle, kienet qed tibghat il-messaggi fuq il-mobile. Skont ix-xhud il-parte civile kienet qed tibghat il-messaggi lil boyfriend tal-imputata ghaliex kienet ilha tibghatlu l-gurnata kollha. Fuq jekk gharfitx lil imputata tirrispondi

"**Spettur Daryl Borg: Inti semmejt lil Kristina Xuereb, taghrafha f' din l-awla lil Kristina Xueren?**

**Phay Pace Decesare: No I wouldn't recognise her, I didn't see her.**

**Spettur Daryl Borg: U dak in-nhar rajtha go l-bar lil Kristina Xuereb?**

**Phay Pace Decesare: No. Because I was facing the bar and when it all happened I turned around and I just saw my friend covered in blood."[12] [emfazi mizjuda]**

**Adrian Schembri** fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2020. Lil Joelle Mifsud jafha bhala habiba imma ilhom ma jiltaqghu. Kien prezenti meta sehh l-incident go stabiliment f' Paceville, Montecarlo. L-incident sehh madwar seba' snin ilu u ma jiftakarx x' kien l-istagun. Li jiftakar kien li kienu gewwa l-istabiliment fuq gewwa.

"Pros: Issa, xi gralha Joelle, nqala xi ncident?

Xhud: Kien hemm xi argument imma jiena ma kontx qieghed hemm gew meta kien sehh l-incident.

Pros: Ma' min inqala dan l-argument?

Xhud: Ma' Kristina Xuereb.

Pros: Issa x' gara dakinhar, x' rajt inti?

Xhud: Jien kull ma rajt kien hemm glieda imma ma stajtx nara sew qed tifhem? U mbaghad li niftakar konna tlaqna l hemm jiena u Joelle konna ghamilna rapport l-Ghassa biss. Dak li niftakar.

---

[12] Fol. 109

Pros: Joelle kellha xi haga f' wiccha?

Xhud: Kellha xi naqra demm imma xejn gravi jigifieri.

**Pros: U inti l-argument rajtu jsehh?**

**Xhud: No, no. Le, le." [emfazi mizjuda]**

**Katia Blease** fis-seduta ta1-10 ta' Dicembru 2020. Tixhed li l-vettura BBX-984 kienet taghha imma kienet tuzaha t-tifla taghha Larissa Caruana. Lil imputata ma tafhiex. Ma tafx jekk il-vettura qed intuzat minnha imma l-insurance kient fuq it-tifla biss u hadd ma jista' jsuqha.

**Spettur Daryl Borg** xehed fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2021. Nhar it-30 ta' Gunju 2013 ghal habta tal-hdax nieqes kwart ta' fil-ghaxija gie infurmat minn PS Sean Scicluna li kienet dahlet certa Joelle Mifsud fl-ghassa ta' San Giljan fejn kellha griehi vizibbli f' wiccha. Meta s-surgent ha l-verzjoni taghha qalet li allegatament giet aggredita minn certa Joelle Mifsud (sic) li qed jaghraf fl-awla. Jaghraf il-firma tieghu fuq id-dikjarazzjoni tal-parir legali, l-firma ta' Christina Xuereb, ta' WPS 221 Francesca Mangion u PS 928 Ramon Mifsud. A fol. 3 u 4 tal-process hemm l-istqarrija li ttiehdet fl-10 ta' Lulju 2013 gewwa l-ufficju ta' San Giljan fejn Christina Xuereb kienet ghazlet li ma tirrispondiex ghad-domandi li ghamlilha u ma ffirmatx l-istqarrija. Fuq l-istqarrija jaghraf il-firma tieghu u ta' WPC 221 Francesca Mangion.

**Dr Mario Scerri**, espert nominat mill-Qorti xehed fis-seduta tal-30 ta' Settembru 2021. Jixhed

" Xhud: Iva nahlef. Dana kien b' verba ta' dina l-Qorti fejn gejt nezamina lil Joelle Mifsud. Ezaminajtha nhar it-23 ta' Awwissu 2021. Din allegat l fis-sena 2013 kienet Pacevielle u qalghet daqqa ta' xi haga iebsa minghand certu Kristina Xuereb. Din spiccat b' applikazzjoni ta' butterfly stitches fuq il-lezjoni li wrietni fuq in-naha tal-lemin tal-mohh. Dina kienet cikatrittrici hafifa hafna li rrizultat ta' blunt trauma u li mhux konsipkju xejn ta' within talking distance.

**Qorti: Jigifieri mhux gravi?**

**Xhud: Ma tidhirx Sinjura le. Ma tarahiex u trid tkun taf biha sew biex taraha." [emfazi mizjuda]**

Ix-xhud ezebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok MS). [13]

**PC 917 Joseph Camilleri** stazzjonat CDO, xehed fis-seduta tal-9 ta' Novembru 2021. Muri r-riferta Dok A. jixhed li t-timbru huwa tieghu pero' ghal xi raguni nesa jiffirma. Qassamha fil-7 ta' Dicembru. Jaghraf ir-riferta bit-timbru tieghu. Lil Kristina Xuereb kien icemplilha fuq il-mobile u kienet tghidlu jhalliehla mas-segretarja. Hu biss ghandu access ghat-timbru tieghu.

**Katia Blease** fis-seduta tal-14 ta' Frar 2023. Il-vettura BBX 984 kienet taghha. It-tifla taghha Clarissa Caruana issa Blease kienet taghmel uzu minnha. Probabbli fis-sena 2013 kienet taghmel uzu minnha t-tifla.

**Clarissa Blease** xehedet fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023. Tixhed li taf lil Kristina Xuereb. Fuq l-incident tas-sena 2013 tirrispondi li kienet id-dar taghha gewwa San Giljan u l-imputata cemplitilha biex tmur ghalieha. Tixhed

[13] Fol. 241 - 248

"Wit: At home St. Julians at that time and Kristina called me to pick up from her home she was upset.

Adv: And where does she live?

Wit: At that time I picked her up from Ibragg at her fathers̀ house picked her up we went for a drive in Paceville.

Adv: You remember the date of the incident or the month at least?

Wit: Nothing I mean Im̀ sorry absolutely, I stopped in front of Avenue Restaurant in Paceville and Kristina got out the car and I started driving further on on that road it was a long road and a man was parking and he was taking very very long to park so I took about 5 to 6 mins I remember in that road and by the time I drove towards the end of the road Kristina was outside the road of front of Barcelona and theres̀ a bar it was a like shop she was over there she came to the car she was very upset very upset and I don't even know.

Court: Did you witness any incident or you just know she was upset?

Wit: **No she was just upset very upset I was in the car I didn't see anything." [emfazi mizjuda]**

Il-karozza taghha kienet Polo Volgswagon ta' lewn abjad. Il-hin kien billejl.

Ix-xhud tghid li damet xi sitt minuti fil-karozza taghha tistenna wara karozza ohra li kienet qed tipparrja u sakemm waslet sat-tarf tat-triq rat l-imputata lejn it-tarf tat-triq.

"Court: You saw Kristina what?

Wit: I saw Kristina at the end of the road, and she got back into my car very upset she was crying and I asked her what had happened I remember and said just leave me alone take me back home she wasn't in a like thats̀ all I remember."

L-imputata  kienet nizlet mil-karozza quddiem l-istabilment l-Avenue.  Meta gabret lil imputata haditha d-dar ta' missierha fl-Ibragg.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata hija akkuzata illi nhar 30 ta' Gunju, 2013, f' San Giljan u f' dawn il-Gzejjer Maltin: Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed l-hajja ta' Joelle Mifsud f' perikolu car, permezz ta' xi arma regolari jew irregolari, strument jew ghodda ohra, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joelle Mifsud.

L-incident sehh gewwa stabiliment f' Paceville meta l-vittma kienet giet aggredita minn persuna li dahlet fl-istabiliment u tatha daqqa ta' tazza u kkagunata griehi f' wiccha.

Dwar in-natura tal-griehi sofferti l-espert forensiku Dr Mario Scerri nominat minn dina l-Qorti fl-atti ta' din il-procedura fir-rapport tieghu datat 12 ta' Settembru 2021[14] ikkonkluda li "4. Illi din ic-cikkatrici hija inkostipikwa *from within talking distance".*

Fix-xhieda tieghu tat-30 ta' Settembru, 2021 Dr Mario Scerri xehed

" Qorti: Jigifieri mhux gravi?

Xhud: Ma tidhirx Sinjura le. Ma tarahiex u trid tkun taf biha sew biex taraha."

Ikkunsidrat

Issir referenza  ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[15] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-

[14] Fol. 241 et seq

[15] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[16].

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[17], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha prodotta quddiema inkluz tax-xhiedu, hbieb tal-imputata, li kienu prezenti maghha fl-istabiliment fejn sar l-incident. L-aktar punt krucjali huwa li hadd mix-xhieda prodotti that gurament ma raha lil imputata taghti daqqa lil vittma jew addirittura gewwa l-istabilment fejn sar il-fatt.

Mix-xhieda prodotta ma hemm hemm hadd minn dawk li kienu prezenti li raw lil imputata taghti daqqa b' tazza lil parte civile. Il-vittma Joelle Mifsud ma tafx min taha d-daqqa u qed tidentifika l-impuata ghaliex shabha rawha imma meta xehedu n-nies prezenti maghha taht gurament f' dawn il-proceduri hadd minnhom martaha l-imputata taghti daqqa lil parte civile.

---

[16] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

[17] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

Joelle Mifsud xehdet li 'tahseb' li meta marret l-ghassa rat lil impuata fl-istess karozza li allegatament harbet biha. Imma dan gie kontradett minn Clarissa Blease li xehdet quddiem dina l-Qorti fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023. Clarissa Blease xehdet li gabret lil imputata mid-dar ta' missierha fl-Ibragg, saqet sa Paceville, nizlet lil imputata quddiem l-istabiliment Avenue ghamlet xi sitt minuti tfittex il-parking waslet fejn it-tarf tat-triq fejn kien hemm l-imputata li reghet telghet fil-karozza u Clarissa Blease haditha lura fid-dar ta' missierha gewwa l-Ibragg.

Il-Qorti trid tevalwa l-assjem tal-provi li ghandha a dispozizzjoni taghha u qed tikkunsidra li l-assjem tal-provi ma humiex sufficjenti u ma jipprovdiex iċ-ċertezza morali sabiex jinstab ħtija fuq l-intimata.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216 (1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kien sehh qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII tal-2018, l-artikoli 7,8,16,17,19 u 27, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata **Kristina Xuereb** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**